**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 17 ta' Dicembru, 2020**

**Rikors Revoka Nru: 934/2016 AF**

In atti tar-Rikors Guramentat numru 793/2016 AF,
Wara l-Mandat ta' Sekwestru numru 1391/2016

**Bibis International Limited (C-52162)**

**vs**

**Pierre Faure (Real Estate) Limited (C-33750)**

**Pierre Faure**

**PJS Trading Limited (C-56448)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Bibis International Limited li permezz tieghu, ghar-ragunijiet moghtija din il-Qorti ntalbet tirrevoka sekwestru numru 1391/2016 ai termini tal-Art. 836(1)(d) u (f). il-Qorti intalbet ukoll tikkundanna lis-sekwestranti ghall-hlas ta' penali skond l-Art. 836(8)(b)(c) u (d). Intalbet wkoll kundanna ghad-danni u l-imposizzjoni ta' garanzija ghall-hlas ta' penali, danni u imghax.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' Pierre Faure (Real Estate) Limited, Pierre Faure u PJS Trading Limited.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla sabiex jigi degretat in camera.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-procedura Bibis International Limited qed tittenta thassar mandat ta' sekwestru mahrug fil-konfront taghha minn Pierre Faure (Real Estate Limited), Pierre Faure u PJS Trading Limited, li permezz tieghu dawn tal-ahhar qed ifittxu jikkawtelaw pretensjoni ghal hlas ta' danni minnhom sofferti kif ukoll penali dovuti lis-socjetà PJS Trading Limited in segwitu ta' ftehim iffirmat bejn il-partijiet.

Is-sekwestranti jilqghu ghat-talba l-ewwel nett billi jsostnu li r-rikors huwa null ghaliex l-okkju jirreferi ghar-rikors guramentat. Fil-fehma ta' din il-Qorti is-sekwestranti m'ghandhomx ragun. Il-ligi tipprovdi illi r-rikors isir lill-Qorti li tkun qed tittratta l-kawza. Ir-rikorrenti odjerni fl-okkju nizzlu kemm ir-referenza ghar-rikors guramentat kif ukoll dik ghas-sekwestru *de quo*. B'hekk hija cara u inekwivoka r-referenza necessarja ghall-mandat *de quo*.

Ghandu jigi enfasizzat l-insenjament kostanti ta' dawn il-Qrati fil-kuntest ta' mandati kawtelatorju illi kull stharrig li teffettwa l-Qorti jibqa' limitat ghal dak li jidher mad-daqqa t'ghajn, bl-iskrutinju fil-fond jibqa' rizervat ghall-Qorti meta tkun qed tigi

trattata l-kawza fil-mertu. Inoltre, jigi senjalat ukoll il-principju illi l-jedd ta' kreditur li jikkawtela l-pretensjoni tieghu b'kull mod li tipprovdi l-ligi m'ghandux jigi leggerment imwarrab.

F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li kien intqal fid-deċiżjoni fl-ismijiet DOM Communications Ltd vs. Office Group Ltd[1]:

*"... fir-rigward tal-proċeduri li jsiru ai termini tal-artikolu 836, il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara li hija bl-ebda mod ma tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi l-Qrati tagħna, il-proċedura maħsuba fl-artikolu 836 għandha tkun waħda sommarja, u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' prima facie. Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Camilleri vs Govė et**, deċiża fl-10 ta' Mejju, 2001, b'dan il-kliem:*

*"mid-dispożizzjoni tal-Art. 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan għaliex il-mandat kellu jiġi investigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali fil-kawża proprja."*

Fid-deċiżjoni fl-ismijiet Gaetano Abdilla et vs. Bianco Charles et, intqal illi:

*"L-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab ir-revoka. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv. Illi dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni. Il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipji li d-dritt għal azzjoni ġudizzjarja ma għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha sakemm il-jedd sostantiv*

[1] P.A. 28.04.2015

*ikkontestat jiġi definit minn Qorti (Vide* ***Vincent Mercieca vs George Galea****, 29 ta' Novembru, 2011, u* ***Technobroadcast srl vs Mediterrenean Broadcasting Limited****, tal-5 ta' Ġunju, 2007)."*

Dan premess, jirrizulta illi r-rikorrenti Bibis International Limited issejjes it-talba taghha ghat-thassir tal-mandat *de quo* fuq l-Art. 836(1)(d) u (f) tal-Kap. 12 li jipprovdi ghal tali thassir:

*"jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv;"*

*…*

*jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

Il-Qorti tqis illi ma jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li l-ammont pretiz huwa fil-fatt ecessiv. Hawnhekk si tratta ta' negozju ta' lukanda zghira u s-sekwestranti jsostnu li l-istess negozju sofra minhabba li, skond ma jsostnu s-sekwestranti, Bibis International ma onoratx l-obbligi taghha sewwa u fil-hin. Jidher mad-daqqa t'ghajn illi l-valuri tan-negozju bejn il-partijiet kien pjuttost konsiderevoli u eluf kbar jidher li digà thallsu. Ghalhekk il-Qorti ma tqisx fil-kuntest li c-cifra ta' €150,000 hija palezement eccessiva.

Meta wiehed jghaddi mbaghad biex iqis it-talba tar-rikorrenti skond is-subinciz (f), il-Qorti tinnota li ma tirrizulta li nbidlet ebda cirkostanza li twassalha tqis it-talba gustifikata. Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghad-decizjoni fil-proceduri Spiteri vs Darmanin (25 ta' Awwissu 2012).

Bibis International taghmel ukoll talba ghall-imposizzjoni tal-penali ai termini tal-Art. 836(8)(b)(c) u/jew (d). Il-Qorti ma ssib li jirrizultawlha ebda mic-cirkostanzi li dwarhom tipprovdi l-ligi fil-fuq citat artikoli. Lanqas ma tqis, ghalhekk, gustifikata, talba ghall-imposizzjoni ta' garanzija kif mitlub.

Finalment Bibis International qed titlob ukoll kundanna tas-sekwestranti ghall-hlas ta' danni. Fil-fehma ta' din il-Qorti il-procedura odjerna mhijiex dik idoneja ghal dan l-iskop. Jibqa' lil Bibis International rizervat kull jedd li tagixxi biex tirkupra xi danni possibilment kagunati lilha fi proceduri ad hoc mibdija skond principji generali regolatorji ta' kawzi ta' dik ix-xorta.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha ta' Bibis International Limited. L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza fil-mertu.

IMHALLEF